Dr J Azzopardi

Rikors Marion Pace Axiaq et

## MAGISTRAT DR. DOREEN CLARKE LL.D.

**F'l-atti tar-rikors guramentat ta'Marion Pace Axiaq (ID Numru 3135654M), Robert Aquilina (ID Numru 313178M), Samira Davies (ID Numru 50997A), Simon Sansone (ID Numru 33276M) u Emanuel Delia (ID Numru 560176M) f'isimhom propju u f'isem l-ghaqda tas-socjeta civili maghrufa b'l-isem Repubblika li tisab fil-process ta' registrazzjoni bhala ghaqda volontarja, skont il-Ligi ipprezentat fit-8 ta' Marzu 2019**

**Illum 29 ta' April 2019**

Il-Magistrat

Rat ir-rikors guramentat ta'Marion Pace Axiaq, Robert Aquilina, Samira Davies, Simon Sansone, u Emanuel Delia f'isimhom propja u f'isem is-socjeta civili Repubblika, ipprezentat fit-8 ta' Marzu 2019.

Rat id-degriet taghha tal-11 ta' Marzu 2019 permezz ta' liema r-rikorrenti intalabu jipprovdu l-indirizzi fejn il-persuni minnhom indikati bhala suspettati jistghu jigu notifikati bir-rikors promotur.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 11 ta' Dicembru 2019 permezz ta' liema indikaw l-indirizzi kif rikjest.

Rat d-degriet taghha tat-12 ta' Marzu 2019 permezz ta' liema ordnat li r-rikors promotur jigi notifikat lill:

- L-Onorevoli Konrad Mizzi;
- Keith Schembri;
- Brain Tonna;
- Carl Cini; u
- Mario Pullicino.

L-imsemmija persuni kellhom gimgha zmien ghar-risposta.

Rat li l-imsemmija persuni gew notifikati dak in-nhar stess u pezentaw ir-risposta taghhom fit-terminu stipulat.

Stephania Calafato Testa
M.A.Prob. Serv.(Melit.)., B.Psy.(Melit.)
Deputy Registrar &
Commissioner for Oaths

Rat ir-risposta tal-persuni hawn fuq elenkati.

Rat id-degriet taghha permezz ta' liema talbet li kopja awtentikata tan-nota jew rikors ai termini ta' liema nbdiet l-inkjesta li qed tinzamm mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LL.D. liema inkjesta saret referenza ghaliha fir-risposta ta' Brian Tonna, Carl Cini u Mario Pullicino.

Rat li waqt seduta mizmuma fis-16 ta' April 2019 d-deputat registratur Diane Gatt prezentat kopja ta'l-imsemmija nota.

Rat id-degriet taghha mghoti aktar kmieni llum permezz ta' liema cahdet talba maghmula mill-Onorevoli Dr Konrad Mizzi ghas-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri sa kemm tigi definittivament deciza kawza kostituzzjonali minnu intavolata.

Rat l-atti l-ohra kollha.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li r-rikors odjern huwa talba ghat-tnedhija ta' inkjesta dwar l-*in genere* fil-konfront tal-persuni hemm imsemmija minhabba allegazzjoni li huma ikkommettew ir-reati indikati fir-rikors.

Ikkunsidrat

## PRINCIPJI GENERALI

Illi ai termini ta'l-artikolu 546 tal-Kodici Kriminali[1] inkjesta ghandha tinzamm wara rapport, denunzja jew kwerela ta' reat li jikkomporta piena ta' prigunerija ghal aktar minn tlett snin u jekk is-suggett materjali tar-reat jkun ghadu jezisti. Din id-dispozizzjoni, f'l-ewwel subartikolu taghha, tipprovdi hekk:

> *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jiġu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin, u jekk is-suġġett materjali tar-reat ikun għadu jeżisti, għandu jiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, u għandu jiġi*

[1] Il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; hawn aktar 'l isfel imsejjah "Il-Kodici".

> *msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett. Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni bħal din, għandu jsir aċċess fuq il-post*

Minn din id-dispozizzjoni jirrizulta li meta Magistrat:
1. jircievi rapport, denunzja jew kwerela;
2. dwar reat li ghalih tista' tinghata l-piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija; u
3. is-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti

Ghandha ssir inkjesta b'l-ghan li:
A. jigi deskritt l-istat tas-suggett materjali, bid-dettalji kollha wiehed wiehed;
B. u jigi imsemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' gab l-effett.

Illi s-subartikolu (1) hawn kwotat ma jsemmi xejn dwar minghand min il-Magistrat ghandu jircevi r-rapport, denunzja jew kwerela. Normalment pero huma l-pulizija li, wara li jkun sarilhom rapport, denunzja jew kwerela u fil-fehma taghhom ikun mehtieg li ssir inkjesta, jinfurmaw lill-Magistrat u jitolbu li ssir l-inkjesta. Kien fis-sena 2006, permezz ta' l-emendi introdotti b'l-Att XVI li gie stabbilit li kwalunkwe persuna, li mhux pulizija jew l-Avukat Generali, setghet taghmel denunzja jew kwerela direttament lil Magistrat.

Illi fil-fatt b'dawn l-emendi f'l-artikolu 546 imsemmija gew introdotti s-subartikoli (4A), (4B) u (4C)[2]; dawn jipprovdu hekk:

> (4A) *Meta r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela jsiru lil Maġistrat taħt dan l-artikolu minn xi persuna li ma tkunx l-Avukat Ġenerali jew uffiċjal tal-pulizija, ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela għandhom isemmu ċar lill-persuna suspettata li għamlet ir-reat (hawn izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "il-persuna suspettata"). Il-Maġistrat għandu jordna li r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, skont ma jkun il-każ, jiġi notifikat lill-persuna suspettata fil-waqt li jagħtiha żmien għal risposta u wara li jgħaddi dak iż-żmien il-Maġistrat għandu jiddeċiedi jekk jagħmilx l-aċċess. Il-Maġistrat għandu jiddeċiedi li jagħmel l-aċċess biss jekk ikun*

[2] Emenda permezz ta'l-artikolu 12 ta'l-Att XVI tas-sena 2006.

VERA KOPJA ...

*stabbilixxa li l-prerekwiżiti meħtieġa biex isir dak l-aċċess ikunu jeżistu.*

*(4B) Id-deċiżjoni tal-Maġistrat taħt is-subartikolu (4A) għandha tiġi notifikata lill-persuna li għamlet ir-rapport, denunzja jew il-kwerela u lill-persuna suspettata. Kull wieħed minnhom jista', fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, jagħmel rikors lill-Qorti Kriminali biex tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Maġistrat u l-Qorti Kriminali għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq ir-rikors bl-urġenza.*

*(4Ċ) F'kull każ fejn ikun ser isir aċċess taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4A) u (4B) il-Maġistrat li jmexxi l-aċċess għandu jingħazel bil-polza minn fost il-Maġistrati kollha.*

Illi minn qari taghhom huwa car li dawn id-dispozizzjonijiet jistipulaw x'procedura ghandha tigi segwieta meta Magistrat jircievi denunzja minghand persuna li mhux pulizija jew l-Avukat Generali; u, mehuda d-decizjoni li ghandha tinzamm inkjesta, kif ghandu jintghazel il-Magistrat li effettivament ser ikun qed imexxi l-inkjesta[3]. Dawn id-dispozizzjonijiet ma jbiddlu xejn mir-rekwizieti predisposti fis-subartikolu (1) ta'l-artikolu 546 u li jridu jissussistu biex tkun tista' tinzamm inkjesta. Fil-fatt ir-rekwizieti imsemmi f'dan is-subartikolu japplikaw kollha u jridu jissussistu indipendentement minn min jitlob it-tnedhija ta'l-inkjesta, u cioe hux il-pulizija, hux l-Avukat Generali, jew hux id-denunzjant jew il-kwerelant. Dawn l-emendi lanqas ma biddlu xejn f dak li ghandu jkun l-ghan ta' l-inkjesta.

Ikkunsidrat

## IR-RIKORS U R-RISPOSTI

Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti Marion Pace Axiaq et qed allegaw li l-persuni fuq elenkati, l-Onorevoli Dr Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brain Tonna, Carl Cini, u Mario Pullicino, ikkommettew ir-reati minnu indikati. Din l-allegazzjoni huma jaghmluha a bazi ta' sensiela ta' fatti minnhom elenkati u wara li spjegaw kif gew a konjizzjoni ta' dawn il-

[3] Id-dispozizzjonijiet jipprovdu ukoll ghal appell mid-decizjoni tal-Magistrat li lilu ssir d-denunzja.

fatti u anke wara li ghamlu referenza ghad-diversi dokumenti annessi mar-rikors.

Illi ghandu jigi rilevat li kontestwalment ma' dan ir-rikors gie prezentat rikors iehor, mill-Onorevoli Dr Simon Busuttil, permezz ta'liema, wara l-istess identici premessi, ghamel talba identika ghal dik dedotta fir-rikors odjern. Ghalkemm ir-rikors odjern huwa l-ewwel wiehed li sar mir-rikorrenti, huma stess jaghmlu referenza ghat-talbiet precedenti ta'l-Onorevoli Busuttil fir-rikors taghhom.

Illi l-persuni indikati mir-rikorrenti bhala suspettati kollha opponew ghat-talba biex tinbeda inkjesta u, ghalkemm espressi f'termini differenti, tista' tghid li bbazaw l-oppozizzjoni taghhom fuq bejn wiehed u iehor l-istess ragunijiet[4] u li jistghu jinqasmu f'zewg kategoriji:

- **wahda "procedurali"**, fis-sens illi t-talba odjerna diga saret quddiem Magistrat iehor u giet michuda fi stadju ta' appell u ghalhekk ma tistax terga tigi ikkunsidrata; u
- **wahda "sostantiva"**, fis-sens illi li r-rekwiziti elenkati f'l-artikolu 546 ma gewx sodisfatti, anke in vista tal-fatt li d-dokumenti prezentati in sostenn tat-talba mhumiex prova ammissibbli.

Illi fil-fatt dawn ir-risposti huma kwazi identici ghar-risposti prezentati f'l-atti tar-rikors prezentat minn l-Onorevoli Busuttil.

Ikkunsidrat

## L-OGGEZZJONI PROCEDURALI

Illi mill-atti tar-rikors jirrizulta ampjament li din mhiex l-ewwel talba li saret biex tinzamm inkjesta dwar l-allegazzjonijiet ta' hasil ta' flus u reati ohra fil-konfront tal-persuni minnhom indikati fir-rikors bhala suspettati[5]. Jirrizulta ukoll li zewg talbiet precedenti li saru mill-Onorevoli Dr Simon Busuttil fir-rigward gew michuda. Dawn iz-zewg talbiet kienu gew intavolati separatament u fi zmienijiet differenti, pero eventwalment l-atti tat-tieni talba intbaghatu biex jiffurmaw parti mill-atti ta'l-ewwel talba li kienet

[4]Brian Tonna, Karl Cini u Mario Pullicino semmew fattur li m'hemm l-ebda referenza ghalih fir-risposti l-ohra, u cioe l-ezistenza ta' inkjesta simili ghal dik rikjesta. Dan il-punt ser jigi trattat aktar 'l quddiem f'dan id-degriet.

[5] Kif intqal t-talbiet precedenti ma sarux mir-rikorrenti odjerni.

ghada pendenti quddiem il-Qorti Kriminali fi stadju ta' appell; l-appell gie deciz billi l-Qorti Kriminali cahdet it-talba ghat-tnedhija ta' inkjesta.

Illi fir-risposti tal-persuni indikati bhala suspettati jilmentaw li t-talba odjerna diga saret u giet michuda u, in kwantu kwistjoni trattata u deciza, m'ghandhiex terga tigi dibattuta. Huma jallegaw ukoll li dawn t-talbiet ripetuti jikkostitwixxu *forum shopping* u ghalhekk it-talba odjerna m'ghandhiex tigi kkunsidrata.

Ikkunsidrat

Illi fil-kuntest tat-talbiet ripetuti saret referenza ghall-princpiju ta' *ne nbi in idem*, u dan sia fir-rikors promotur u sia f'uhud mir-risposti. Huma tlieta d-dispozizzjonijiet li jirregolaw l-principju ta' *ne bis idem* f'l-ordinament guridiku taghna. Dawn huma l-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tas-Seba' Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Ezami approfondit ta' dawn id-dispozizzjonijiet sar mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza[6] Il-Pulizija vs Nicolai Magrin[7]; hemm intqal hekk:

> *Illi l-Qorti tifhem li r-regola maħsuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ma żżommx milli bniedem jitressaq mixli iżjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-għamil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wieħed.* ***Dak li jipprovdu l-imsemmija artikoli hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diga' ghaddiet proceduri – kemm jekk tahthom instabet hatja u kemm jekk kienet inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret gudikat.*** *Għalhekk, il-fatt waħdu li, f'xi cirkostanzi, jista' jkun hemm id-duplikazzjoni ta' procedimenti – l-aspett tal-"bis" – m'għandux ikun il-kejl waħdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola maħsuba f'dawk l-artikoli;*
>
> *Illi l-kwestjoni li tibqa' hi dwar jekk dak il-"bis" huwiex dwar l-istess reat, jigifieri l-element tal-"idem". .... ....*

---

[6] Referenza Kostituzzjonali.

[7] Deciza fis-26.03.2009

*Illi l-istħarrig ta' x'jikkostitwixxi l-"istess" reat minn dejjem kien wieħed li ħalaq kontroversja dwar il-kriterju li jmissu japplika. Huwa magħruf li lanqas il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma segwiet dejjem l-istess kriterju. Kemm hu hekk, jidher li xi drabi mxiet bil-kejl tal-"istess għamil", filwaqt li, f'xi każijiet oħrajn, tqabbel mal-kuncett tal-konkors idejali fejn l-istess għamil jista' jnissel azzjonijiet differenti. Kien hemm każi fejn dik il-Qorti żammet mal-kejl tal-"elementi essenzjali" tar-rejati milquta mill-proceduri ripetuti. Dawn il-kriterji differenti ma kinux qegħdin jgħinu wisq biex tinstab dik ic-certezza tad-dritt meħtiega għat-tifsir ta' dan il-jedd fundamentali, u dan kien igib ħsara akbar meta wieħed iqis li dak il-principju kien jitħaddem fi proceduri ta' xejra kriminali, bħalma din il-Qorti issa għandha quddiemha;*

*Illi, madankollu, jidher li, f'dawn l-aħħar żminijiet, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fasslet kriterju maħsub biex jagħti "tifsira armonizzata" tal-kuncett tal-"istess reat". B'deċiżjoni meħuda mill-Grand Chamber, dik il-Qorti qalet li hija "takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as* ***prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence'*** *in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant* ***on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata.*** *At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because* ***Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again***

> ***in new proceedings***[8] *rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings";*

Illi minn dan l-insenjament jidher car li l-kuncett ta' *ne bis in idem* isib applikazzjoni biss meta si tratta ta' proceduri li permezz taghhom persuna qed tigi imputata jew akkuzata f'proceduri penali minhabba fatti li dwarhom tkun diga ghaddiet proceduri penali. Ir-rikors odjern ma jistax jitqies bhala "proceduri penali" fis-sens ta' proceduri b'imputazzjonijiet cari u precizi, intizi biex tinstab htija fil-konfront ta' xi persuna, u bil-konsegwenti impozizzjoni ta' piena. Ir-rikors odjern huwa sempliciment talba biex tinzamm inkjesta li l-ghan taghha hu li jigu konstatati fatti u preservati provi. Huwa minnu li skond l-ezitu ta' l-eventwali inkjesta (jekk it-talba tigi milquha) jistghu jittiehdu proceduri penali (fis-sens fuq spjegat), pero l-proceduri li rikorrew ghalihom r-rikorrenti ma jistghux jigu definiti bhala proceduri penali fil-kuntest tal-kuncett ta' *ne bis in idem* li ghalhekk ma jistax isib applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Illi ghandu jinghad li wiehed mill-persuni suspettati, Keith Schembri, jammetti li l-kuncett ta' *ne bis in idem* ma jsibx applikazzjoni fil-kuntest odjern; huwa fil-fatt jghid: *huwa minnu li hawnhekk m'ghandiex kaz ta' determinazzjoni finali ta' htija jew innocenza. Huwa ghalhekk li f'dan l-istadju m'hux qed issir referenza ghall-principju ta' ne bis in idem.*[9]

Illi ghall-korrettezza ghandu jigi kjarifikat li f'din l-istess risposta huwa suggeriet li din l-insistenza tar-rikorrent fit-talbiet tieghu ghat-tnedhija ta' inkjesta dwar l-*in genere* hija kwistjoni ta' ordni pubbliku. Huwa jislet ukoll analogija mill-fatt li fil-ligi taghna minbarra dak ta' *ne bis in idem* huma mhaddna principji bhal *res judicata*, u preskrizzjoni; jislet analogija ukoll mill-fatt li l-Ligi tippreskrivi termini perentorji ghall-atti miktuba u tippreskrivi ukoll kundizzjonijiet strettissimi ghal ritrattazzjoni ta' kawza. Huwa pero jikkoncedi li l-Ligi taghna toffri biss silenzju dwar dan il-punt (cioe l-possibilita li persuna tibqa taghmel l-istess talba odjerna) u

[8] Is-sottolinear f'dan il-bran kwotat huwa kollu tal-Magistrat sottofirmat.

[9] Ref para 3.6 tar-risposta tieghu.

jikkoncedi ukoll li gudikant, *f'kaz ta' incertezza ghandu jirreferi ghal principji bazici li dejjem gew imhaddna mill-Qrati taghna.*[10]

Illi huwa propju dan li ghandu jsir fic-cirkostanzi prezenti, u cioe l-applikazzjoni b'analogija ta' principji bazici li dejjem thaddnu mill-Qrati taghna. Huwa ben stabbilit li kwistjoni deciza u ezekuttiva m'ghandhiex terga tigi diskussa; din hija regola generali li minn dejjem sabet u ghada ssib applikazzjoni generali fil-Qrati taghna. Pero bhal kull regola generali, anke ghal din hemm eccezzjonijiet li tipprovdi ghalihom il-Ligi[11] inkluz fejn inkun jemergu fatti jew cirkostanzi godda jew f'cirkostanzi ohra elenkati fil-Ligi f'liema cirkostanzi kwistjoni deciza tista' terga tigi ventilata quddiem il-Qrati.

Illi jirrizulta mill-atti tar-rikors li meta saret l-ewwel talba mill-Onorevoli Busuttil hu ma kellux a dispozizzjoni tieghu xi dokumenti li gew prezentati mar-rikors odjern[12] u ghalhekk ma gewx prezentati ma'dak l-ewwel rikors. Jirrizulta ukoll li l-ewwel rikors ma kellux id-dettalji kollha li fih dak odjern[13].

Illi dwar ir-res gudikata u xi bdil fic-cirkostanzi li jistghu jippermettu ritrattazzjoni l-Qorti ta' l-Appell Civili tghallem li:

> *In meritu ghall-kuncett tal-gudikat gie deciz illi, "kif inghad f' ghadd ta' decizjonijiet l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f' sentenza. Li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun inghatat" (Carmelo D' Amato et -vs- Carmelo Camilleri", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef J. R. Micallef, 10 ta' Jannar 2002).*
>
> *Dan s' intendi huwa l-principju. B' danakollu biex r-res judicata tigi eccepita b' success jehtieg li c-cirkostanzi rilevanti tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta' qabel. (Ara "Angelo Bartolo -*

[10] Ref para 3.7 sa 3.9 tar-risposta.
[11] Hawn qed issir referenza ghall-istitut ta' ritrazzjoni fil-kanp civili.
[12] Referenza partikolari qed issir ghal email ta' Karl Cini u kopja ta' rapport li allegatament hwa ta'l-FIAU
[13] L-ewwel rikors ta' l-Onorevoli Dr Simon Busuttil huwa riprodott dig-geriet tal-Qorti Kriminali li huwa anness mar-rikors odjern bhala Dok 17.

> *vs- Concetta Lautier", Appell, 29 ta' April 1966). Jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba. (Ara "Peter Paul Muscat -vs- Giuseppe Muscat", Appell, 30 ta' Gunju 1969). Skond gurisprudenza pacifika dan hu maggorment hekk f' kawzi ta' separazzjoni jekk ikunu vverifikaw ruhhom fatti posterjuri jew sopravvenuti ghas-separazzjoni (Ara Kollez. Vol. XXIX P II p 603; Vol. XXXVI P II p 470), kawzi ta' alimenti (Vol. XXXVIII P II p 533; Vol. XLVIII P II p 1191), u kawzi dwar lokazzjonijiet (Vol. XLV P I p 24; Vol. XLII P I p 91).*[14]

Illi minn dan l-insenjament jidher car li biex *res judicata* tigi eccepita b`success jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta` qabel[15].

Illi eskluza l-applikazzjoni tal-principju ta' *ne bis indem* u tenut kont li f'l-ordinament guridiku hija kontemplata r-ritrattazzjoni f'kazijiet partikolari, applikat dan il-principju b'analogija ghall-kaz in ezami, it-talba tar-rikorrenti tista tigi proposta, paritkolarment tenut in konsiderazzjoni l-fatt li din hija l-ewwel talba taghhom.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-*forum shopping* u l-artikolu 546(4A) ghandu jinghad li meta l-emendi relattivi kienu qed jigu diskussi fil-Parliament saret referenza ghal din il-possibilta u kif jista jigi evitat l-abbuz. Il-legislatur haseb li kien ikun hemm lok ghal abbuz kieku l-inkjesta kellha ssir mill-istess Magistrat li jiddeciedi li ghandha ssir inkjesta. Ghalhekk l-emenda hasbet ghal sistema permezz ta' liema, mehuda d-decizzjoni li ghandha ssir inkjesta, issir polza bejn il-Magistrati kollha u tkun din il-polza li tiddetermina min ser ikun il-Magistrat Inkiwrenti. L-emenda hasbet ghal prekawzjoni ohra u cioe l-issindikar tad-decizjoni tal-Magistrat li jirrikorri ghandu d-denunzjant jew il-kwerelant bit-talba ghat-tnedhija ta' inkjesta. B'hekk anke id-decizzjoni jekk ghandhiex ssir inkjesta ma tiddependiex biss fuq il-Magistrat li "jaghzel" id-denunzjant imma, f'kaz li xi hadd mill-partijiet ma jkunx sodisfatt b'dik id-decizzjoni, id-decizjoni tiddependi ukoll fuq l-gharbil ta' entita ohra u cioe l-Qorti Kriminali.

[14] Ref Apell Civili Inferjuri f'l-ismijiet

[15] Dan il-principju fil-fatt gie ribadiet fis-sentenza mghotija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza f'l-ismijiet Connie Decelis vs l-Avukat Generaali, deciza fit-30.10.2008.

Illi jekk f'kaz ta' cahda tat-talba ta' denunzjant dan jaghzel li jerga' jressaq t-talba tieghu quddiem Magistrat iehor b'tama ta' ezietu differenti, id-decizjoni finali dwar ghandhiex issir l-inkjesta jew le tiddependi fuq Qorti wahda (il-Qorti Kriminali), presjeduta minn Imhallef li l-ghazla tieghu hija ghal kollox estranja ghall-volonta tad-denunzjant jew ta' xi parti ohra interessata f'l-ezitu tar-rikors.

Ikkunsidrat

Illi in vista tas-suespost u tenut kont tan-natura tal-proceduri odjerni: talba ghal tnedhija ta' inkjesta b'l-ghan li jigu konstatati fatti u preservati provi; tenut kont li din hija l-ewwel talba li ghamlu r-rikorrenti odjerni; tenut kont li l-provi prodotti in sostenn ta' din it-talba (u dan sia il-kontenut tar-rikors u sia d-dokumenti prezentati flimkien mar-rikors) huma differenti minn dawk prezentati fir-rikors gia prezentat mill-Onorevoli Dr Busuttil; tenut kont ukoll li l-principju ta' *ne bis in idem* ma ssibx applikazzjoni fil-kaz in ezami, il-Magistrat Inkwirenti hija tal-fehma li r-rikors odjern ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni u t-talba hemm dedotta trattata u deciza.

Ikunsidrat

## L-OGGEZZJONI SOSTANTIVA

Illi t-tieni kategorija ta' oppozizzjoni hija wahda "sostantiva" u tirreferi ghall-kwalita ta' provi li gew prodotti in sostenn tat-talba odjerna u ghall-fatt li ma gewx sodisfatti ir-rekwizieti elenkati f'l-artikolu 546.

Illi jibda biex jinghad li fil-fehma tal-Magistrat sottofirmat hija zbaljata l-premessa li minnha telqu tnejn mill-persuni suspettati fir-risposta taghhom u cioe li r-rekwizieti elenkati f'l-artikolu 546 u li jridu jissussistu biex tinbeda inkjesta huma erbgha[16]. Dawn jikkontendu li permezz tad-denunzja 1) jigi identifikat ir-reat; 2) ir-reat ikun wiehed li jikkomporta piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija; 3) jigi deskritt is-suggett materjali tar-reat bid-dettalji kollha wiehed wiehed; u 4) l-istrument jigi imsemmi u jinghad ukoll il-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett, ossia kif gie attwat ir-reat denunzjat.

[16] Hawn qed issir referenza ghar-risposta ta'l-Onorevoli Dr Konrad Mizzi u ta' Keith Schembri. Fil-verita fir-risposta ta' Keith Schembri issir referenza ghal zewg rekwizieti pero kull wiehed dawn iz-zewg rekwizieti li jsemmi jinkludi zewg elementi

Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq, qari ta'l-artikolu 546 ghandu jwassal ghall-konkluzzjoni li r-rekwizieti huma tlieta: 1) r-rapport rapport, denunzja jew kwerela li jircievi l-Magistrat; 2) ir-reat li ghalih tista' tinghata l-piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija; u 3) li s-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti. Ta' l-istess opinjoni jidher li huma t-tlett persuni suspettati l-ohra[17] ghaliex fir-risposta taghhom huma jelenkwa dawn l-istess tlett elementi bhala rekwizieti li jridu jigu sodisfatti biex tinbeda inkjesta. Huma jmorru pass oltra ghaliex jghidu ukoll li l-ewwwl zewg rekwiziet "*huma mera formalita u jirrikjedu biss daqqa ta' pinna*" mill-persuna li tkun qed taghmel id-denunzja. Donnhom qed jimplikaw li kull ma jirrikjedu l-ewwel zewg rekwiziti huwa allegazzjoni kwalsiasi, dedotta bil-miktub, ta' reat li jikkomporta piena ta' prigunerija ta' aktar minn tlett snin.

Illi l-Magistrat sottofirmat sa certu punt tikkondividi dan il-hsieb ghaliex fil-verita l-ewwel zewg rekwizieti jirreferu ghan-*notizia criminis* u jirrikjedu l-allegazzjoni li gie kommess reat u li dan ir-reat jikkomporta piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija. It-tielet rekwiziet kif gustament gie sottomess jirreferi ghas-suggett materjali tar-reat u cioe l-ezistenza ta' tracci materjali tar-reat li jiehtieg li jigu preservati u deskritti. Pero l-Magistrat sottofirmat ma tqies l-ewwel zewg rekwizieti bhala mera formalita jew *daqqa ta' pinna.*

Illi tajjeb jigi rilevat li fil-Kodici hemm dispozizzjonijiet ohra li jirregolaw d-denunjza[18] bhala wahda mill-mezzi li biha tinghata n-*notizia criminis.* B'mod partikolari dwar x'forma ghandha tiehu d-denunzja u x'informazzjoni ghandha tikkontjeni jipprovdu l-artikoli 535 *et sequitur* tal-Kodici. Ai termini ta' l-artikolu 535 d-denunzja ta' reat tista ssir minn kwalunkwe persuna li tkun saret taf b'dak ir-reat ***b'kull mod li jkun***, purche jkun reat prosegwibbli *ex officio*. Aktar minn hekk il-Kodici jipprovdi[19] li *d-denunzjant għandu jfisser ċar il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti,* ***kemm jista' jkun****, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi.* Jipprovdi ukoll[20] li *d-denunzja tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub, iżda, meta ssir bil-fomm, hija ghandha, ħlief fil-każijiet li ma*

[17] U cioe Brian Tonna, Karl Cini, u Mario Pulllicino.

[18] L-artikolu 546 isemmi rapport, denunzja jew kwerela bhala l-mezz kif tinghata n-*notizia criminis*; fir-rikors odjern dak li sar huwa denunzja ghaliex fil-waqt li kwerela necessarjament issir mill-persuna li hi giet offiza b'reat, id-denunzja ssir minnkwalunnkwe persuna ohra. Il-Magisitrat sottofirmat ghalhekk ser tiehu in konsiderazzjoni biss dak li jipprovdi l-Kodici dwar id-denunjza.

[19] F'l-artikolu 536.

[20] F'l-artikolu 537.

*jkunux iridu dewmien, titniżżel bil-miktub minnufih u għandha tiġi iffirmata mid-denunzjant.*

Illi s-subartikolu (1) ta'l-artikolu 546 mbaghad jipprovdi li meta n-*notizia criminis* permezz tad-denunzja (jew rapport jew kwerela) tkun tirrigwarda reat li jikkomporta piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija u fic-cirkostanzi hemm imsemmija ghandha ssir l-inkjesta. Is-subartikolu (4A) ta'l-artikolu 546 imur oltre u jipprovdi li d-denunzja maghmula direttament lil Magistrat ghandha ssemmi *ċar lill-persuna suspettata li għamlet ir-reat.*

Illi ghalhekk, u b'applikazzjoni ta' dawn id-dispozizzjonijiet mehuda kollha flimkien, meta denunzja ssir mid-denunzjant direttament lil Magistrat ghandha ssir bil-miktub u d-denunzjat ghandu jfisser il-fatt denunzjat b'l-irqaqat kollha tieghu; **kemm jista' jkun** (u ghalhekk mhux *sine qua non*) ghandu jaghti dawk il-partikolaritajiet kollha li jaccertaw ir-reat, u jistabilixxu x-xorta tieghu u ghandu ssemmi car lill-persuna susppettata li ghamlet ir-reat.

Illi maghmula denunzja li tissodisfa dawn ir-rekwizieti ghandha tigi ordnata inkjesta jekk: 1) ir-reat denunzjat ikun wiehed prosegwibbli *ex officio* u li jikkomporta piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija; u 2) jekk is-soggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti u cioe jekk ikunu jezistu tracci materjali tar-reat. Id-denunjat mhux obbligat jiddeskrivi l-istat tas-suggett materjali bid-dettalji kollha tieghu, jew li jmsemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' gab l-effett. Dak ghandu jirrizulta mill-inkjesta u huwa propju l-iskop li ghalih issir l-inkjesta.

Illi dwar l-iskop ta' l-inkjesta dwar l-*in genere* u r-rwol tal-Magistrat Inkwirenti kellha opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza Republika ta' Malta vs Jason Calleja[21]:

> *Il-Magistrat Inkwirenti fil-kors ta'l-inkjesti ... ma jagixxiex bhala Qorti Istruttorja, izda bhala Magistrat ut sic. ......*
>
> *Stabbilit li l-Magistrat Inkwirenti f'l-inkjesta ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja, x'inhija allura l-funzjoni tieghu? M'hemmx dubbju li l-ewwel konkluzzjoni hija f'l-inkjesta huwa anqas m'ghandu l-funzjoni ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Certament*

[21] Deciza 03.07.1997

*huwa persuna intiza mill-Ligi stess bhala ta' imprtanza fondamentali fil-process tar-ricerka ghall-verita izda l-Magistrat Inkwirenti m'ghandux il-funzjoni li jistabilixxi l-htija jew l-innocenza ta' xi persuna, inndizjata jew mhijiex. .....*

*In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess titolu* ***jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu*** *u/jew* ***izomm access li l-ligi tipprevedi*** *u f'l-ahharnett* ***jirredigi l-proces verbal*** *li l-Ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju.* ***Dan kollu jirfforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita u jikkonsisti principalment fil-gbir u l-preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxielu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga****. Bhala tali, u kuntrajament ghal dak li li jigri f'certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkworenti mhux parti mill-pulizija u wisqanqas mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji lil-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll anzi essenzjalment minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv ta'l-istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita ma tkunx inkwinata minn xi interess hlif dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. Rwol dan li Lord Tucker, f'l-appell quddiem il-Privvy Council in re Regina vs Gerge Terreni, obiter iddeskriva bhala a good way of preserving evidence.*

*S'intendi certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti irid bil-fors johodhom, anzi jista' jista' jigi affermat li mibghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa bla sens. ..........* ***Hi certament il-funzjoni takl-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx ir-reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat.***

*Certament mhiex il-funzjoni tal-Magistrat Inkworenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew prababbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja u inqas ta' Gudikatura. Izda certament*

> ***hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi - indipendentment mill-apprezzament taghhom - hemmx provi bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista'possibilmkent ikun passibbli ghal proceduri kriminali.***[22] *Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittiura id-dover tieghu. Jigi ripetut li l-istitut tal-Magistrat Inkwirenti evidentement inholoq biex kemm hu possibbli certi indagnijiet li jistghu jwasslu ghall-kxif ta' reati u/jew ta' persuni responsabbli ghalihom jew li jistghu jkunu necessarji f'certi eventi serji, dawn isiru b'l-ikbar serjeta u 'l fuq mis-suspett jew l-influwenza diretta jew indiretta tal-poter esekuttiv ta'l-istat.*

Illi fis-sentenza mghotija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza f'l-ismijiet Il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech vs Id-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati u l-Avukat Generali[23] dik il-Qorti irribadiet il-principju li inkjesta tinzamm biex jigi determinat jekk hemmx tracci jew elementi ta' xi reat li ghalih xi persuna tista' tkun passibbli kriminalment; dik il-Qorti qalet hekk:

> *Fuq rapport, denunzja jew kwerela, li fuqhom ghandhom isiru proceduri, maghmula lill-Pulizija Ezekuttiva jew lil Magistrat, ghandhom jibdew proceduri. Jistghu isiru accessi, jinstemghu xhieda, jigu elevati oggetti, nominati esperti biex jaghmlu ezamijiet tal-istess oggetti u jigu preparati rapporti. Il-Magistrat jista' jordna l-arrest ta' kull persuna li waqt l-access jikxef li hija hatja, jew li kontra taghha jkunu ingabru indizji bizzejjed. Jista' jordna l-qbid ta' oggetti u tfittxija f'postijiet – 554.* ***Bazikament l-inkjesta tal-Magistrat hi intiza ghall-preservazzjoni tal-provi*** *u hu b'mod eccezzjonali illi l-magistrat jezercita l-poter tieghu taht l-artikolu 554 (1) tal-Kodici u jordna l-arrest.* ***Suggett materjali tar-reat ghandu jigi deskritt bid-dettalji kollha wiehed wiehed u ghandu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett.*** *Waqt l-access jistghu jittiehdu ritratti. Jistghu jinstemghu diversi xhieda u dawn ghandhom jigu mdahhla fil-process verbal. .......... L-inkjesta Magisterjali b'ebda mod ma tista' tkun kunsidrata bhala "a trial" izda kostatazzjoni ta' fatti, ghalkemm il-*

[22] Is-sottolinear f'dan il-bran kwotat huwa kollu tal-Magistrat sottofirmat.

[23] Deciza fis-17.01.2002.

*Magistrat spiss jesprimi opinjoni prima facie dwar jekk ghandhomx jittiehdu proceduri fil-konfront ta' persuna jew persuni in konnessjoni ma' xi reat. .............*

*F'kaz ta' guri, jew kumpilazzjoni jinghad li bniedem ghadda guri, jew kumpilazzjoni. Izda f'kaz ta' inkjesta mhux legalment ezatt u korrett dak li jghid ir-rikorrent fl-ewwel paragrafu tar-rikors tieghu u cioe' illi hu 'kien ghaddej inkjesta';* ***fil-verita' tkun qed issir inkjesta dwar allegazzjonijiet illi jinvolvu lir-rikorrent. Dak li qed jigi indagat u investigat fl-inkjesta hu l-veracita' ta' l-allegazzjonijiet li setghu saru fil-konfront tar-rikorrent u biex jigi determinat jekk hemmx tracci jew elementi ta' xi reat li ghalih xi persuna (jista' jkun kemm ir-rikorrent kif ukoll xi persuna ohra inkluz min ghamel l-allegazzjonijiet) tista' tkun mitluba tirrispondi ghalihom[24].[25]***

Illi minn qari tas-subartikolu (1) ta'l-artikolu 546 u tenut kont ta' dak li tipprovdi l-gurisprudenza hawn kwotata ghandha tkun cara id-distinzjoni f'l-imsemmija dispozizzjoni bejn dawk li huma r-rekwizieti rikjesti biex issir inkjesta u dak li huwa l-iskop ta' l-inkjesta. Id-denunzjant ghandu jfisser il-fatti b'l-irqaqat kollha taghhom u li wassluh biex jissusspetta li sar reat, ghandu, kemm jista' jkun jaghti dawk il-partikolaritajiet mehtiega biex jaccertaw ir-reat u li jistabilixxu n-natura tieghu u ghandu jindika min huma l-persuna susspettati. Jekk ir-reat huwa wiehed li jikkomporta piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija u s-soggett materjali tar-reati ghadu jezisti allura ssir inkjesta biex jigi preservati u deskritti dwak il-provi u biex jigi aaccertat jekk verament sarx ir-reat (l-istrumenti u kif setghu gabu dak l-effett) u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat.

Illi ghalhekk d-denunzjant mhux tenut ifforni hu, lill-Magistrat li ntalab jordna li ssir inkjesta, it-tracci materjali tar-reat, ossia il-provi li permezz taghhom jista jigi accertat jekk verament sehhx reat jew le. Dawk it-tracci jew provi jridu jigu migbura, preservati u deskritti fil-kors ta'l-inkjesta; dak li obbligat jaghmel id-denunzjant huwa li jforni l-informazzjoni kollha dwar il-fatti relevanti u dwar il-provi li ghandhom jigu preservati.

---

[24] Is-sottolinear f'dan il-bran kwotat huwa kollu tal-Magistrat sottofirmat.

[25] Dawn l-istess principji gew ripetuti verbatim f'sentenza ohra ta' dik il-Qorti deciza fis-17.01.2002 ukoll: Karl Heinrich Muscat vs Avukat Generali et.

Ikkunsidrat

Illi din l-ahhar kunsiderazzjoni twassal ghal ilment iehor tal-persuni indikati bhala suspettati mir-rikorrenti, cioe in-nuqqas ta' provi li jsostnu dak li qed jallega r-rikorrent, u l-inammissibilita ta' dawk il-provi li huwa fil-fatt produca mhux biss f'dan l-istadju imma anke f'kwalunkwe proceduri penali li jistghu jkunu indikati.

Illi l-Magistrat sottofirmat ma tikkondividiex dan il-hsieb propju ghaliex kif intqal aktar 'l fuq issir inkjesta propju biex jigu preservati t-tracci materjali (il-provi) tar-reat li huwa allegat li gie kommess u biex dan isir bil-kawteli kollha li trid il-Ligi u b'mod li l-prova tkun ammissibbli f'eventwali proceduri penali jekk dawn javveraw ruhhom. Biex jinghata ezempju[26] wiehed jista' jirreferi ghal recordings mehuda minn CCTV meta il-kommissjoni ta' delitt jew xi parti minnu tinqabad f'filmat. Jekk denunzjant ikun jaf b'l-ezistenza ta' dan il-filmat fid-denunzja ghandu jghid li jezisti dan il-filmat pero mhux obbligat jipprezenta kopja tieghu mad-denunzja. Anke jekk jipprezenta xi kopja li jirrnexxielu jottjena, jibqa l-obbligu tal-Magistrat Inkwirenti, permezz ta'l-esperti relattivi, li jaccerta li dak il-filmat jigi deskritt u preservat bil-kawteli kollha li trid il-Ligi b'mod tigi salvagwardjata ic-*chain of custody* u tigi zgurata l-awtenticita u l-ammissibilita tal-filmat bhala prova f'proceduri penali. Il-kopja tal-filmat li jkun ottjena d-denunzjant (li ma tistax titqies prova ammissibbli minhabba l-mod kif ottjenuta) tista' taghti aktar sahha lill-allegazzjoni tieghu li sar reat u li hemm provi x'jigu preservati; il-preservazzjoni u d-deskrizzjoni pero tibqa fil-mansjoni tal-Magistrat Inkwirenti.

Illi m'hemmx dubbju li l-maggoranza tad-dokumenti esebieti mar-rikors promotur ma jistghux jitqiesu bhala prova ammissibli fil-kuntest ta' proceduri penali. Pero zgur jaghtu kredibilita lir-rikorrenti f'l-allegazzjoni tieghu li hemm provi li jehtieg li jigu preservati biex jigi accertat li sehhew ir-reati minnu elenkati.

Illi f'dan l-stadju ikun opportun li ssir referenza partikolari ghad-dokument li r-rikorrenti jallegaw li huwa kopja ta' rapport redatt mill-FIAU u l-kummenti fir-riposti fir-rigward tal-persuni indikati bhala suspettati. Rapport ta'l-FIAU ma jista' qatt jikkostitwixxi prova f'proceduri penali, ghaliex huwa redatt minn ufficjali li ma jistghu qatt jigu rilaxxjati mis-sigriet

[26] Forsi l-ezempju li ser jinghata jista' jitqies simplistiku zzejjed, pero huwa indikattiv.

professjonali, u jikkontjeni informazzjoni migbura minghand terzi b'mod li dik l-informazzjoni ma tistax titqies bhala prova ammissibbli. Dan ma jfissirx li l-FIAU jahdmu inutilment fil-glieda kontra l-kriminalita imma jfisser li a bazi ta' l-informazzjoni li jigbru l-FIAU bil-mezzi taghhom jifformulaw opinjoni dwar il-probabilta li gie kommess xi reat u dwar min ikkommetta dak ir-reat biex imbaghad il-pulizija jew il-Magistrat Inkwirenti skond il-kaz jippreservaw il-provi identifikati mill-FIAU fir-rapport taghhom. U huwa propju dan li r-rikorrenti qed jitolbu li jsir.

Illi ikun opportun ukoll li terga ssir referenza ghall-artikolu 355 tal-Kodici ai termini ta' liema persuna tista' tiddenunzja reat li tkun saret taf bih *b'kull mod li jkun.* Ghalhekk persuna tista taghmel denunzja irrispettivament minn kif saret taf li seta' sar reat u kif waslet ghandha l-informazzjoni dwar il-kommissjoni tar-reat u dwar fejn jistghu jinstabu l-provi relattivi.

Illi tenut kont tas-suespost, tenut kont li r-rikorrenti jelenkaw sensiela ta' fatti li jindikaw li seta gie kommess reat, tenut kont li huma jindikaw bi precizjoni a bazi ta' dawn il-fatti liema reati setghu gew kommessi; u peress li s-soggett materjali ta' dawn ir-reati ghadu jezisti hija l-fehma tal-Magistrat sottofirmat li r-rekwizieti kollha rikjesti ai termini ta'l-artikolu 546 gew sodisfatta u t-talba tar-rikorrenti ghat-tnedhija ta' inkjesta hija gustifikata.

Ikkunsidrat

Illi fir-risposta taghhom tlieta mill-persuni indikati bhala suspettati, Brian Tonna, Karl Cini u Mario Pullicino, allegaw li dwar il-fatti allegati mir-rikorrent, fuq talba tal-pulizija ezekuttiva, diga nfethet inkjesta li qed tigi kondotta mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LL.D. Jghidu ukoll li d-dokumenti prezentati mar-rikors odjern u li jirrigwardaw lilhom jiffurmaw parti mill-inkjesta imsemmija. Aktar minn hekk jghidu li xehedu jew gew imsejjha biex jixhdu f'l-atti ta' dik l-inkjesta.

Illi kif jirrizulta min-nota esebieti in atti, il-Magistrat Dr Charmaine Galea LL.D. fil-fatt qed tikkonduci inkjesta dwar allegazzjoni ta' hasil ta' flus bejn kumpaniji registrati barra minn Malta, b'azzjonisti Maltin, liema flus possibilment gejjin mir-reat ta' korruzzjoni, flimkien ma' komplici barranin tramite l-uzu ta' diversi kumpaniji, liema kumpaniji ghandhom kontijiet bankarji kemm f' Malta kif ukoll barra minn Malta. In-nota trirreferi ghal persuni esposti politikalment, strutturi korporattivi u finanzjarji li jistghu jitqiesu suspettuzi, kif ukoll transazzjonijiet bejn kontijiet f'diversi pajjizi.

Illi minn qari ta' din in-nota huwa car li hafna mill-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors odjern jinkwardraw ruhhom fil-parametri ta'l-inkjesta fuq imsemmija, ghalkemm fir-rikors odjern hemm referenza ghal reati ohra li mhumiex indikati fin-nota li peremzz taghha bdiet l-inkjesta mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LL.D. Jekk tinbeda inkjesta ohra fuq talba tar-rikorrenti ser ikunu qed jinzammu kontemporanjament zewg inkjesti li jkunu qed "jinvestigaw" l-istess fatti, ghalkemm wahda (li tista' tinbeda fuq l-allegazzjonijiet maghmlua mir-rikorrenti) jista' jkun li ser tkun qed "tinvestiga" xi ftit fatti ohrajn.

Illi din is-sitwazzjoni, cioe meta jkun hemm hemm zewg talbiet ghat-tnedhija ta'inkjesta, fil-kaz in ezami talba mill-pulizija ezekuttiv u talba direttament minn denunzjant, mhiex prevista mill-Ligi. Hawn ikun opportun li terga ssir referenza ghas-sentenza fuq kwotatat ta'l-Qorti ta' l-Appell Civili[27] fejn intqal li:

> *Ma jkunx inopportun li jigi mfakkar dak li darb' ohra gie rilevat, jigifieri, li "l-gudikant ghandu jiddeciedi l-kazijiet skond il-ligi u skond il-fattezzi specjali taghhom ... Id dover tal-gudikant huwa mhux sempliciment dak li japplika l-ligi imma anki li jara minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x' inhija l-probabili intenzjoni tal-legislatur f' dawk ic-cirkostanzi u li japplika l-ligi u jinterpreta b' mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta." ("Emanuele Bonello et -vs- Edmund Percy Larchin", Qorti ta' l-Appell, 15 ta' Dicembru 1945 (Kollez. Vol. XXXII P I p 309).*

Illi kif ntqal aktar 'l fuq meta saru l-emendi tas-sena 2006 u persuna kwalsiasa inghatat d-dritt li titlob t-tnedhija ta' inkjesta ttiehdu mizuri biex jigi evitat *forum shopping* b'mod li l-Magistrat li jikkonduci inkjesta varata b'dan il-mod jintaghzel bil-polza u ma jkunx il-Magistrat li ddecieda li ghandha ssir inkjesta[28]. Il-Ligi ma tikkontemplax sitwazzjoni fejn issir talba ghal inkjesta meta diga jkun hemm inkjesta ghaddejja dwar l-istess fatti.

Illi indipendentment minn jekk minn jaghmel talba f'dawn ic-cirkostanzi kienx jaf b'l-ezistenza ta'l-inkjesta l-ohra jew le, jibqa il-fatt li difficilment

[27] Op cit Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar deciza fis-06.04.2005.
[28] Naturalment sa kemm ma jitlax hu bil-polza.

wiehed jista' jimmagina li l-legislatur kellu l-intenzjoni li jippermetti zewg inkjesti fuq l-istess materja. Inkjesta hija intiza biex jigu konstatati l-fatti, u biex jigu preservati tracci materjali tar-reat, b'l-ghan li jigi stabbilit jekk giex imwettaq delitt, u jekk iva, minn possibilment jista jkun passibbli ghalih. Jekk dan l-ezercizju diga qed isir ikun inutli li jigi dubblikat.

Illi min-nota esebieta in atti u li a bazi taghha inbdiet l-inkjesta mill-Magistrat Dr Charmiane Galea LL.D., ma jidhirx li hemm elenkati ir-reati kollha u c-cirkostanzi kollha imsemmija fir-rikors odjern[29] pero jidher li hemm *overlap* kbira.

Illi fil-verita hija cirkostanza normali u pjuttost komuni li, mibdija inkjesta, jemergu fatti godda jew addirittura prova ohra li jkunu intimament konnessi ma'l-inkjesta gia mibdija. F'dawk ic-cirkostanzi ma ssirx inkjesta ohra imma issir nota addizjonali f'l-atti ta' l-inkjesta gia mibdija biex jigu preservati ukoll dawk il-provi godda u l-Magistrat koncernat jkun jista' jiehu konjizzjoni ta' dawn il-fatti jew allegazzjonijiet godda. Dan jghin mhux biss fir-ricerka tal-verita, ghaliex il-Magistrat wiehed li jkun qed jikkonduci l-inkjesta jkollu l-fatti kollha relevanti quddiemu b'mod li jkun jista' jaghmel il-kostatazzjonijet tieghu fid-dawl ta' stampa shiha u kompluta, imma anke biex jigu evitati duplicita ta' proceduri.

Illi applikata din il-prassi salutari ghal kaz in ezami b'analogija, fid-dawl ta' dak li wiehed jista' jiddeduci li kienet l-vera intenzjoni tal-legislatur meta gie promulgat l-artikolu 546(4A) tal-Kodici, il-Magistrat sottofirmat hija tal-fehma li l-atti tar-rikors odjern ghandhom jintbaghatu biex jiffurmaw parti mill-atti ta' l-inkjesta kondotta mill-Magistrat Inkwirenti Dr Charmaine Galea u l-allegazzjonijiet dedotti fir-rikors odjern jittehdu in konsiderazzjoni minnha fil-kors ta' dik l-inkjesta.

Ghal dawn il-motivi l-Magistrat sottofirmat, tiddipsoni minn dan ir-rikors billi, fil-waqt li tiddikjara li gew sodisfatti r-rekwizieti biex tigi kondotta inkjesta dwar l-*in genere*, peress li diga qed tigi kondotta inkjesta ohra fejn qed jigu trattati allegazzjonijiet simili ghal dawk dedotti fir-rikors odjern, tordna li malli dan id-degriet jghaddi in gudikat, l-atti kollha ta' dan ir-rikors jintbaghtu lill-Magistrat Dr Charmiane Galea LL.D. tramite ir-Registratur tal-Qrati Kriminali biex jiffurmaw parti mill-atti ta'l-inkjesta miftuha mill-imsemmija Magistrat fis-26 ta' Settemebru 2018.

[29] Hawn qed issir referenza ghar-reati relatati ma' assocjazzjoni, spergur, u falsifikazzjoni.

Il-Magistrat sottofirmat tordna n-notifika ta' dan id-degriet lill- ta'Marion Pace Axiaq Robert Aquilina, Samira Davies, Simon Sansone u Emanuel Delia, l-Onorevoli Dr Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brain Tonna, Karl Cini u Mario Pullicino, kif ukoll lill-Avukat Generali.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

VERA KOPJA FOTOSTATIKA
Deputat Reġistratur Data